VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,857, 1 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 218 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science – B.Sc. – u Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 213 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikollhom ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla hawn taħt:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) **Banking and Finance: għaddew fil-Matematika Pura (Intermedja);**

(b) **Bijoloġija:** għaddew fil-Bijoloġija (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Kimika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(ċ) **Kimika:** għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u jew fil-Fiżika jew fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(d) **Computational Physics**: għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(e) **Xjenza tal-Kompjuter:** għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(f) **Geosciences**:

jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Kimika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(g) **Matematika:** għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

(h) **Fiżika:**

jew għaddew fil-Fiżika (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Fiżika (Intermedja, grad Ċ jew aħjar);

(i) **Statistics and Operations Research:**

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Applikata (Avvanzata, grad D jew aħjar).

għad-dħul f'Ottubru 2018 jew wara:

jew għaddew fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar);

jew għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology (Avvanzata, grad Ċ jew aħjar) u fil-Matematika Pura (Avvanzata, grad D jew aħjar);"